FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

A.MICALLEF TRIGONA LL.D., MAG.JUR (EU LAW)

ILLUM 29 TA' SETTEMBRU 2015

Il-Pulizija

Spettur Jurgen Vella

vs

James Vassallo

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat detentur ta' karta tal-identita' 213494M akkuzat talli:

1. nhar il-11 ta' Mejju 2015 ghal habta tas- sitta u nofs ta' filghodu (06:30hrs) u zminijiet precedenti gewwa Santa Katerina limiti tar-Rabat u f' dawn il-gzejjer xjentement laqa għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indahhal biex ibieghhom jew imexxihom liema ogett huwa arma tan-nar tal-ghamla Benelli bin-numru tas-serje 133132 li l-valur tieghu huwa ma jeccedix l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghal detriment ta' Calcedonio Spiteri u/jew persuni ohra.

2. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, f'xi fond jew fil-pussess tiegħu, taħt il-kontroll tiegħu jew garr barra minn xi fond jew fid dintorni tiegħu tal-ghamla Benelli bin-numru tas-serje 133132 jew munizzjon elenkati fl-Iskeda II mingħajr ma kellu liċenza ghall-dawk l-armi taht l-Att dwar l-armi u dan bi ksur ta' Kap 480 art 5 (1) tal-ligijiet ta' Malta.

3. fl-istess data hin lok u cirkostanzi bhala pussessur ta' licenza taht l-Att dwar l-Armi, inqast li thares il-kundizzjonijiet imsemmija f' dik il-licenza bi ksur artikolu 27(1) tal-Kap 480 tal-ligijiet ta' Malta.

4. fl-istess data hin lok u cirkostanzi waqt stagun maghluq ghall-kacca ta l-ghasafar min fuq l-art ikkaccja jew ipprova jikkaccja xi ghasfur , jew garr munizzjoni jew arma tan-nar barra l-ghata taghha u dan bi ksur ta reg. 18 (1) (a) ta' l- A.L 79/2006, hekk kif emendat, Ligi Sussidjarja 504.71. tal-ligijiet ta' Malta.

5. nhar id-9 ta' Mejju 2015 gewwa Santa Katerina limiti tar-Rabat u f' dawn il-gzejjer gewwa ikkaccja jew ipprova jikkaccja, ha jew ipprova jiehu xi ghasfur li huwa protett taht ir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi, u cioe' Farrug *Coracias garrulus* (Inkluz fi Skeda I), mhux skont dawn ir-regolamenti u mhux skund il-kondizzjonijiet ta' kull licenza li tinghata tahthom u dan bi ksur ta' regolament 4 (1) (a) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat (L.S. 504.71);

6. fl-istess data, lok hin u cirkostanzi, kiser xi disposizzjoni, restrizzjoni, jew projbizzjoni imposta minn jew taht ir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi u cioe' billi ittanta izzomm lil xi ghasfur, kemm haj kemm mejjet, jew parti minn xi ghasfur, li l-kacca jew tehid tieghu huma projbiti taht dawn ir-regolamenti, u cioe' Farrug *Coracias garrulus* (Inkluz fi Skeda I), mhux skond id-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti meta dak l-ghasfur ma kienx gie iddikkjarat u registrat mal-awtorita' kompetenti sal-31 ta' Mejju 2003 u meta ma kienx inghata il-permessi, jew certifikati mill-awtorita' kompetenti sabiex izzomm dak l-ghasfur u dan bi ksur ta' regolament 4 (1) (e) u 27 (1) (d) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat (L.S. 504.71);

7. fl-istess data, lok hin u cirkostanzi, kiser xi disposizzjoni, restrizzjoni, jew projbizzjoni imposta minn jew taht ir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi u cioe' billi ittanta izzomm lil xi ghasfur, kemm haj kemm mejjet, jew parti minn xi ghasfur mhux imsemmi fl-Iskeda II jew III, u cioe' Farrug *Coracias garrulus* (Inkluz fi Skeda I), meta dak l-ghasfur ma kienx ittiehed fi stat membru iehor fejn ikun jista jittiehed jew jinqabad legalment taht id-disposizzjonijiet tad-direttiva tal-kunsill 79/409/KEE dwar il-konservazzjoni ta l-ghasafar selvaggi kif ukoll taht il-ligijiet ta dak l-istat membru l-iehor u dak l-ghasfur ma kienx migjub f'Malta wara l-1 ta' Mejju 2004 u dan bi ksur ta' regolament 4 (1) (f) u 27 (1) (d) tal-A.L 79 tal-2006 hekk kif emendat (L.S. 504.71);

8. fl-istess data, lok hin u cirkostanzi, ikkaccja jew ipprova jikkaccja lil xi ghasfur minbarra dawk imsemmija fl-Iskeda II tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat (L.S. 504.71), u cioe' Farrug *Coracias garrulus* (Inkluz fi Skeda I), u dan bi ksur ta' regolament 5 (1) tal-A.L 79 tal-2006 hekk kif emendat (L.S. 504.71);

9. fl-istess data, lok hin u cirkostanzi, kkaccja fuq l-art xi ghasfur li mhux elenkat fit-Taqsima A tal-Iskeda II, u cioe' Farrug *Coracias garrulus* (Inkluz fi Skeda I), u dan bi ksur ta' regolament 5 (3) (a) tal-A.L 79 tal-2006 hekk kif emendat (L.S. 504.71);

10. fl-istess data, lok hin u cirkostanzi, ikkaccja jew ipprova jikkaccja, ha jew ipprova jiehu b'kull mezz li jkun xi ghasfur kif permess skond id-disposizzjonijiet tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi, meta ma kontx fil-pussess ta' licenza valida skont ma jkun japplika, mahruga mit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni ghall-Ghasafar Selvaggi u meta ma ssodisfajtx il-kondizzjonijiet kollha specifikati fil-licenza u f'kull ligi ohra u dan bi ksur ta' regolament 12 (1) tal-A.L 79 tal-2006 hekk kif emendat (L.S. 504.71);

Il-Qorti hija mitluba illi barra li tghati l-piena taht ir-regolament 27 ta' l-A.L. 79 ta' l-2006 hekk kif emendat, u artikolu 56 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta’ Malta, tordna l-konfiska tal-corpus delicti u s-sospensjoni ta’ kull licenza jew permess mahruga taht ir-regolamenti ta' l-2006 dwar il-Konservazzjoni ta' l-Ghasafar Selvaggi u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija, ghall-perjodu applikabbli taht l-A.L. 79 ta' l-2006 hekk kif emendat kif ukoll that l-Att dwar l-Armi, Kap.480.

Rat it-talba tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema sommarjament, mhux opposta;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghat lill-imputat jammetti l-akkuzi fuq liema insista anka meta l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra;

Fuq skorta ta’ din l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata ssibu u tiddikjarah hati.

Rat l-Artikoli 5(1) u 27(1) tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Tiddeciedi: li tikkundannah 18 il-xahar habs sospizi ghal sentejn, €1,000 multa li jithallsu €25 mensili mill-ahhar ta’ Ottubru 2015, revoka permanenti tal-licenzja tal-kacca, konfiska tal-arma, u sospensjoni milli jzomm kull arma ghal hames snin.

Il-Qorti fehmet lill-imputat ir-responsabilitajiet tieghu skond is-sentenza.

A.M. Trigona

Magistrat